# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Gunju, 2002.**

**Kawza Numru: 27**

**Citaz. Nru. 2124/00 GV/6**

Doc 270-02

**Dr. Michelle Pace bhala mandatarju specjali ta' Marianne Nelle-Pegel**

**vs**

**Francis Chetcuti**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni fejn l-attrici ippremettiet illi hija kreditrici tal-konvenut versu s-somma ta' hamsa u tletin elf Marki Germanizi (DM35,000) ekwivalenti ghal sebat elef, mija hamsa u tletin liri Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm7,135.87) skond ir-rata tal-kambju tat-28 ta' Settembru, 2000 mahrug mill-Bank Centrali, dovuta bhala bilanc ta' self moghti lid-debitur skond ftehim milhuq bejn il-kreditrici u d-debitur, liema somma kellha tithallas sa l-ahhar ta' Mejju, 1998 (kopja annessa bhala Dok A);

Premess illi l-konvenut gie nterpellat kemm il-darba sabiex ihallas, anki permezz tal-ittra ufficjali datata s-7 ta' Lulju, 2000 (kopja esebita bhala Dok B) izda baqa' inadempjenti;

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, stante li dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-attrici, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont u l-attrici qieghda tannetti affidavit immarkata Dok. D a tenur ta' l-istess Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili;

Ghaldaqstant l-attrici talbet lil din il-Qorti biex:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici is-somma ta' hamsa u tletin elf Marki Germanizi (DM35,000) ekwivalenti ghal sebat elef, mija, hamsa u tletin liri Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm7,135.87) skond ir-rata tal-kambju tat-28 ta' Settembru 2000 mahrug mill-Bank Centrali, jew somma ohra verjuri skond ir-rata tal-kambju fid-data tal-pagament efettiv, dovuta bhala bilanc tas-self.

Bl-ispejjez kif ukoll bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 27 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok jinhtieg illi tingieb il-prova tal-mandat specjali li fuqu l-attrici Dr. Michele Pace noe qed tibbaza t-talbiet tghha;

2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan in kwantu d-dokument ezebit mac-citazzjoni bhala dok. A kien originarjament iffirmat mill-eccipjenti, in bjank, skond ma jidher mid-dokument li kopja tieghu diga' giet esebita fl-atti processwali u mmakata bhala Dok. FCL, u rrizulta sussegwentement, illi, fl-assenza ta' l-istess eccipjenti, minghajr il-kunsens espress tieghu u minghajr qbil dwar l-istess, u kuntrarjament ghal dak espressament miftiehem, dan l-istess dokument gie mizjud b'figura mnizzla arbitrarjament minn Marianne Nelle-Pegel, il-principal ta' l-attrici nomine;

3. Ili minghajr pregudizzju ghal premess, l-ammont pretiz mill-attrici noe mhux dovut in kwantu l-kontendenti lahqu ftehim ta' tpacija bejn kwalsiasi ammont dovut lill-eccipjenti naxxenti minn relazzjonijiet kummercjali bejn il-partijiet, illi gew terminati prematurament fuq talba espressa ta' Marianne Nelle-Pegel, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat in-nota a fol. 14;

Rat id-digriet a fol 31;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Marianne Nelle-Pegel xehdet li hija kienet silfet DM45,000 lill konvenut Dok. A fol. 6 li l-konvenut kien ipprometta li ser ihallas lura sa l-ahhar ta' Mejju, 1998. Il-konvenut ma kienx hallas l-ammont misluf u biex tissettilja l-kwistjoni naqqset dana l-ammont ghall DM35,000 li hija s-somma mitluba fic-citazzjoni.

Il-konvenut ipprezenta diversi eccezzjonijiet

L-ewwel eccezzjoni tirrigwarda l-htiega tal-mandat specjali li fuqu l-attrici qed tibbaza t-talba taghha.

L-attrici pprezentat id-dokument a fol. 35B Dok MP1 fejn tirrizulta li prokura li hija nghatat.

Fit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut qed ighid li d-dok A kien originarjament iffirmat minnu in bjank skond kif jidher mid-dok FC1 u rrizulta li d-dok A gie mizjud b'figura arbitrarjament minn Marianne Nelle-Pegel.

Il-konvenut xehed li hu ried jissellef flus minghand l-attrici u dina riedet li jsir kollox bil-miktub. Kien baghat lill attrici karta ffirmata minnu fejn obbliga ruhu li jhallas lura l-ammont misluf sa l-ahhar ta' Mejju, 1998. Izda billi ma kienx jaf ezatt is-somma f' Deutchmarks, hu ffirma l-karta in bjank bl-intendiment li Marianne tnizzel il-figura preciza hija.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-self ta' DM45,000 sar lill konvenut mill-attrici. Fil-fatt il-konvenut kien indika lill attrici permezz ta' fax Dok MNP2 f'Jannar, 1998 fliema account fil-Mid Med Bank kellha tibghatlu l-flus. Fil-fatt D Galea ikkonferma li kienu ntbghatu flus dak iz-zmien fil-kont indikat. L-attrici kienet baghtilu DM45,000 li kienet il-*loan* u DM5,000 li kien il-kumpens li l-attrici riedet taghti lill konvenut talli kien iffirmalha xi karti fuq *transfer* ta' *shares*. Inoltre fuq kontroezami l-

konvenut ma cahadx li kien issellef il-flus minghand l-attrici nomine, imma qed ighid (u hawn nigu ghat-tielet eccezzjoni) li l-attrici kienet hafrithomlu u saret tpacija.

Fit-tielet eccezzjoni l-konvenut qed jeccepixxi li l-ammont pretiz mill-attrici mhux dovut ghax huma kienu lahqu ftehim ta' tpacija fejn kwalsiasi ammont li seta' talvolta kien dovut lill attrici gie mahfur minnha.

Il-konvenut xehed (ara fol. 76) li wara li Marianne kienet tilfet il-kawza l-Germanja, hi kienet sabet bejgh tal-kumpanija taghha, u rieditu li hu jiffirma biex jirritorna s-*shares* li kienu gew *transfered* fuqu biex tbiegh il-kumpanija. Hu kien qal lill Marianne li kien lest li jiffirma jekk jinhafrulu l-flus li kellu jaghtiha. Il-konvenut xehed li ghall-ewwel Marianne offriet li taqta biss LM3,000 mill-ammont misluf izda eventwalment, wara li spjegalha li kellu jigi adegwament ikkumpensat ghall pjacir li kien ghamlilha, hi weghditu li kienet ser tpaci s-self kollu. Hu ghalhekk accetta li jiffirma.

Illi in tema legali, gie ritenut mill-Qrati Taghna li "il-kompensazzjoni ssir *ipso jure* u anke minghajr ma jafu d-debituri, hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor safejn ikunu ndaqs. Izda l-kompensazzjoni ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha '*ipso jure*' ghar-rigward tal-krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra. Fi kliem iehor il-kompensazzjoni ma tistax issir jekk mhux bejn zewg debiti ugwalment likwidi u certi."

Fil-kaz in ezami l-attrici qatt ma semmiet u lanqas ammettiet li kienet saret xi tpacija bejn dak li kellha tiehu bhala self u kumpens pretiz mill-konvenut. Hi xehdet li l-konvenut "*never asked her to waive the loan for services rendered*". Hi accettat li tikkumpensa lill konvenut tal-favur li kien ghamillha billi taghtih DM5,000 fis-sena u l-konvenut ikkonferma li

l-attrici kienet hallsitu dina s-somma, izda mill qbija l-ammont l-iehor kien ghal self li ha l-konvenut. Qatt ma ssemma maghha u lanqas ma hija accettat li kellha taghtih xi haga ohra biex jiffirma biex tbiegh il-kumpanija taghha. Tpacija bejn il-kontendenti ma kienx hemm. Anzi l-attrici xehdet li hija kienet diversi drabi titolbu biex ihallas lura d-dejn u l-konvenut kien iweghdha li ser ihallas izda ma wasal qatt.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talba attrici kif dedotta bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**